MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tal-15 ta' Ottubru, 2008

Citazzjoni Numru. 132/2008

**A**

**-vs-**

**B**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat fit-3 ta’ April, 2008 li permezz tiegħu l-attur espona bir-rispett u bil-ġurament ikkonferma:

1. Illi fis-26 ta’ Frar, 2003 fl-Ingilterra twieldet C minn relazzjoni barra miż-żwieġ bejn il-kontendenti;

2. Illi l-partijiet kienu f’relazzjoni mis-sena 2000 u għexu flimkien wara t-twelid tat-tifla bħala familja naturali;

3. Illi iżda fis-sena 2007 il-partijiet temmew ir-relazzjoni wara li l-esponent kien ġie indott mill-intimata li jixtri appartament f'Malta, liema appartament inxtara fuq isem il-partijiet konġuntivament iżda bi flus l-esponent;

4. Illi sussegwentement l-intimata ddeċidiet li tibqa' tgħix f'Malta filwaqt li l-esponent irritorna diversi drabi regolarment biex jara lil bintu iżda sab tfixkil u ostakoli mill-istess intimata u mill-familjari tagħha biex jara lil bintu C li llum għandha ħames snin;

5. Illi l-esponent kien jipparteċipa bl-iktar mod ampju u sħiħ fit-trobbija u fil-kura ta' bintu iżda l-intimata mhux biss bdiet tirrifjuta li tagħtih aċċess għal bintu iżda wkoll ħolqot ostakoli għalih biex jikkomunika ma' bintu bit-telefon jew b'mezzi oħra kemm meta kien ikun f'Malta kif ukoll meta jkun barra mill-pajjiż;

6. Illi dan kollu hu a detriment tad-drittijiet tiegħu bħala missier kif ukoll għad-drittijiet u għall-interessi ta' l-istess minuri li jkollha kuntatti regolari ma' missierha;

7. Illi l-esponent baqa' jħallas manteniment għal bintu regolarment, kif jirriżulta waqt it-trattazzjoni;

8. Illi fil-mori tal-proċeduri tal-medjazzjoni l-aċċess ta' l-esponent kien ġie ordnat li jsir b'superviżjoni, sussegwentement mingħajr superviżjoni wara qbil bejn il-partijiet f'medjazzjoni, imbagħad reġa' ġie ordnat li jseħħ b'superiviżjoni sakemm il-kwalifika ta' superviżjoni tneħħiet b'digriet l-iktar reċenti tad-19 ta' Novembru, 2007;

9. Illi l-esponent saħansitra kien ġie mċaħħad milli jara lil bintu f'jum għeluq il-ħames snin tagħha minkejja li kien ġie Malta appositament biex jaraha, u kellu jirrikorri għall-intervent tal-Qorti biex jaraha f'dik il-ġimgħa peress li l-intimata kienet ser terġa' ċċaħħdu l-aċċess is-Sibt ta' wara;

10. Illi dan kollu juri kemm l-istess intimata qed taġixxi kontra l-interessi tal-minuri;

11. *In oltre* n-nanniet materni qed jintromettu ruħhom fir-relazzjoni bejn il-missier u l-bint kif jirriżulta waqt it-trattazzjoni u saħansitra l-esponent kien ġie espost għal bosta inċidenti ta' aggressjoni da parti tagħhom;

12. Illi l-esponent għalhekk għandu interess li jirregola s-sitwazzjoni sabiex id-drittijiet tiegħu u ta' bintu li jgawdu lil xulxin u jibnu relazzjoni sħiħa ma' xulxin jiġi salvagwardat u fl-aħjar interess ta' l-istess minuri;

13. Illi kif jirriżulta ċar mis-suespost, il-medjazzjoni ma rnexxietx u għalhekk qed issir din il-kawża *stante* l-awtorizzazzjoni ta' l-esponent (Dok. A);

IT-TALBIET TAR-RIKORRENT

Għaldaqstant tgħid il-konvenuta l-għaliex m'għandhiex din l-Onorabbli Qorti:

1. Tafda l-kura u l-kustodja tal-minuri C lill-partijiet konġuntivament fl-aħjar interess ta' l-istess minuri;

2. Tiffissa l-modalita' ta' l-aċċess tar-rikorrent b'mod frekwenti u regolari li jkun anke aċċess ta' kuljum u aċċess li jinkludi l-iljieli, sabiex jiġi żgurat il-parteċipazzjoni sħiħa tiegħu fil-ħajja u fit-trobbija ta' l-istess minuri, u dan *previa* wkoll ir-revoka jew varjazzjoni ta' digrieti li jirriegolaw l-aċċess;

3. Tordna li l-istess rikorrent ikollu d-dritt li jikkomunika mal-minuri bil-mezzi telefoniċi jew mezzi oħra idoneji sabiex jiġi żgurat li hu u bintu jkunu jistgħu jikkomunikaw ma' xulxin regolarment;

4. Tawtorizza u tordna li t-tifla tkun fdata fil-kura ta' l-esponent f'każ li l-minuri ma tkunx fil-kura ta' l-intimata;

5. Tordna li d-deċiżjonijiet importanti dwar saħħa, edukazzjoni u dwar it-trobbija tal-minuri jittieħdu mill-partijiet konġuntivament;

6. Tordna li l-istess esponent ikollu aċċess għal bintu minuri f’jum għeluq sninha, f’jum għeluq sninu, f’Jum il-Missier, kif ukoll fil-ġranet u fil-festi pubbliċi, u aċċess ampju u estiż fil-vakanzi skolastiċi;

7. Tawtorizza lill-istess esponent sabiex ikun jista’ jsiefer ma’ bintu minuri b’dawk il-modalitajiet li jidhrilha xierqa fl-aħjar interess tat-tifla.

Bl-ispejjeż – inklużi dawk tal-proċeduri kollha inkorsi quddiem din l-Onorabbli Qorti waqt il-medjazzjoni – kontra l-attur rikonvenzjonat inġunt minn issa stess in subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenuta, ippreżentata fid-9 ta’ Mejju, 2008, li permezz tagħha eċċepiet reverentement:

1) Illi dawn il-proċeduri huma nulli billi l-attur ma ġiex awtorizzat jippreżenta din l-istanza. Jiġi rilevat illi “l-awtorizzazzjoni” imsemmija mill-attur u li bis-saħħa tagħha preżumibbilment qegħda tiġi preżentata din l-istanza, ma teżistix. Kif jidher ċar mid-digriet tat-13 ta’ Lulju, 2007, din l-Onorabbli Qorti approvat u għamlet il-ftehim milħuq bejn il-partijiet matul il-proċess ta’ medjazzjoni li ġie għalhekk magħluq bis-saħħa ta’ l-istess digriet mingħajr qatt ma awtorizzat il-preżentata ta’ din l-istanza.

2) Illi l-konvenuta topponi l-ewwel talba ta’ l-attur li l-kura u l-kustodja tal-minuri C tiġi fdata lill-partijiet konġuntivament, u dan *stante* illi tali affidament assolutament m’huwiex fl-aħjar interess ta’ l-istess minuri, għal diversi raġunijiet kif ser jiġi eċċepit aktar ’il quddiem, u kif ser jirriżulta waqt it-trattazzjoni tal-kawża, fosthom illi l-attur ma huwiex mentalment stabbli; li l-istess attur ibati minn kondizzjoni li tinkapaċitah u trendih inaffidabbli bil-kura tal-minuri; l-attur iqatta’ biss porzjoni żgħira tal-ħin tiegħu f’Malta u jgħix prinċipalment ġewwa l-Ingilterra; l-attur għandu propensita’ irraxxibbli għall-vjolenza; illi t-tifla trabbiet esklussivament mill-konvenuta minn twelidha u ma hemm ebda raġuni konċepibbli għalfejn dan l-istat ta’

fatt għandu jiġi disturbat. Fil-fatt il-promozzjoni ta’ din it-talba ta’ l-attur għandha tissenjala lill-Onorabbli Qorti l-persistenza li biha l-istess attur jipprova jivvessa u jdejjaq lill-konvenuta.

3) Illi l-konvenuta topponi għat-tieni talba ta’ l-attur għal raġunijiet ta’ sigurta’ personali ta’ l-imsemmija minuri fid-dawl ta’ diversi aggressjonijiet ikkawżati mill-attur fuq il-familjari ta’ l-istess minuri, inkuż ommha (l-konvenuta), u n-nanniet tagħha, u li tali inċidenti dejjem ġew deliberatament kawżati mill-istess attur in konnessjoni ma’ l-aċċess tiegħu għall-istess minuri C; apparti minn hekk, l-attur ibati minn attakki serjissimi ta’ epilesija u b’riżultat ta’ tali attakki diversi drabi l-attur jintilef minn sensih u f’tali qagħda ma jkunx fi grad jippresta l-kura meħtieġa lill-minuri. Biex jikkura lilu nnifsu l-attur qiegħed jieħu mediċini qawwija ħafna, fosthom ‘*Keppra*’, ‘*Limotrogen*’ u ‘*Oxycarsopan*’, u li l-effetti psikoloġiċi ta’ dawn il-mediċinali jinkludu *mood swings, character change, paranoia, aggressive / anti-social behaviour* u *impulsive behaviour*.

4) Illi dwar it-tielet talba ta’ l-attur, jiġi preliminarjament eċċepit illi din il-forma ta’ aċċess ma hijiex kontemplata mil-Liġi. F’kull każ, il-konvenuta qatt ma ċaħħdet lill-minuri milli jkollha dik il-komunikazzjoni u l-kuntatt xieraq ma’ missierha, sew permezz tat-telefon u ta’ l-i*skype*. *In oltre* l-konvenuta dejjem għamlet l-almu tagħha biex anke jekk l-attur ma kienx jikkuntattja lill-minuri l-konvenuta kienet tikkuntattjah hi biex tassigura li l-minuri tibqa’ f’kuntatt ma’ missierha. L-attur donnu pero’ ma japprezzax id-diffikolta’ li jkollu konverżazzjoni intelliġibbli ma’ tifla ta’ ħames snin illi ftit ikollha xi tgħid u ftit ikollha paċenzja tisma’.

5) Illi r-raba’ talba ta’ l-attur hija wkoll opposta għar-raġunijiet eċċepiti aktar ’il fuq. *Inoltre*, din it-talba timplika s-sovverżjoni ta’ l-istabbilta’ u prevedibbilta’ li huma essenzjali fil-ħajja ta’ minuri u timplika wkoll intrużjoni u ndħil kontinwu mill-attur fil-ħajja u fil-movimenti tal-konvenuta (għall-fini li jikkontrolla jekk il-minuri tkunx

qegħda fil-kura tagħha) kif possibbilment huwa l-għan veru ta’ din it-talba.

6) Illi l-ħames talba hija wkoll opposta, u dan *stante* li l-attur m’huwiex bniedem affidabbli, għar-raġunijiet kif *gia’* esposti, u għalhekk m’huwiex kapaċi jevalwa u jidentifika l-elementi importanti tat-trobbija tal-minuri. Għall-attur il-minuri ma hija xejn ħlief *causus belli* kontinwu illi bis-saħħa tiegħu jissikka lill-konvenuta u jsawwat lill-ġenituri tagħha. Dan l-atteġġjament jidher ċar mill-imġieba ta’ l-attur u kif ukoll mill-fatt illi ta’ spiss ivarja l-manteniment li jħallas għall-minuri, illi wieħed jassumi li jaf *ben* tajjeb li huwa għall-uniku benefiċċju ta’ l-istess minuri.

7) Illi s-sitt talba ma hijiex opposta *purche’* l-aċċess mogħti mill-attur isir taħt superviżjoni stretta u li l-aċċess akkordat lill-attur ikun tali li l-konvenuta jkollha opportunita’ tgawdi wkoll lil bintha f’dawn il-ġranet.

8) Illi s-seba’ talba hija opposta għar-raġunijiet *gia’* imsemmija. *Inoltre*, it-temperament ta’ l-attur huwa tali li huwa jasal biex jaħrab b’bintu minn dawn il-gżejjer u jgħib għal kollox, kif ilu jwiegħed u jaħlef illi sejjer jagħmel lill-konvenuta.

Tiddikjara u tikkonferma bil-ġurament tagħha:-

1) Illi għalkemm huwa minnu li l-appartament in kwistjoni nxtara fuq isem l-attur u l-konvenuta konġuntivament, kif jidher mill-att pubbliku (kopja annessa u mmarkata DOK. ‘A’), l-istess konvenuta tiċħad kategorikament illi b’xi mod ġiegħlet lill-attur jixtri appartament f’Malta, kif qiegħed jallega, u li għall-kuntrarju kien l-attur li ried jixtri proprjeta’ f’Malta; il-konvenuta qatt ma talbet illi l-attur jixtri nofs il-fond imsemmi f’isimha u anzi li kien l-attur stess illi ried illi jiġi mniżżel fuq il-kuntratt ta’ akkwist illi l-akkwist tal-fond isir fuq isem il-kontendenti; apparti minn hekk, qabel ma ġie ppubblikat l-att finali relattiv, l-attur ġie mwissi min-Nutar Clarissa Cuschieri li l-appartament in kwistjoni kien ser ikun proprjeta’ kemm tiegħu, kif ukoll tal-konvenuta, fejn

hu ma wera l-ebda oppożizzjoni anke jekk l-akkwist sar bi flusu, u dan kif ser jiġi ppruvat waqt il-kors tal-kawża;

2) Illi l-konvenuta hija ta' nazzjonalita' Maltija u li ilha tgħix Malta għall-*maggior* parti ta' ħajjitha, u li sa fejn taf hi l-familjari tagħha qatt ma fixklu jew ostakolaw lill-attur milli jara lil bint il-kontendenti, u li fir-realta' l-istess familjari jinsabu mwerwrin mill-attur minħabba l-komportament vjolenti tiegħu; f'dan l-isfond irid jingħad illi waqt illi kienet għadha għaddejja r-relazzjoni tal-kontendenti, l-attur kien ikkonfida fil-konvenuta u qalilha li kien korra f'inċident meta kien żgħir u b'riżultat beda jsofri minn attakki ta' epilesija; dan ġie kkonfermat lill-konvenuta diversi drabi matul ir-rapport tagħhom meta sabet ruħha xhud ta' dawn l-attakki li kienu regolari u li jiġu fi *clusters* ta' erba' episodji f'madwar sagħtejn, u li ferm aktar spiss l-attur kien ikollu attakki żgħar illi l-effett tagħhom ikun illi jitlef kuntatt maċ-ċirkostanzi ta' madwaru sakemm jirkupra u jistaqsi x'ġara.

3) Illi ma huwiex minnu li l-attur għamel l-almu tiegħu ta' missier fit-trobbija u fil-kura tal-minuri C, tant illi minflok jagħti s-sehem finanzjarju tiegħu biex l-imsemmi minuri jkollha trobbija tajba, isibha ferm iżjed faċli billi jixtrilha ammont eċċessiv ta' logħob tal-kompjuter, li f'ċerta okkażjoni ammonta għal iżjed minn disa' mitt Euro (€900); fil-fatt hija l-konvenuta li tħallas għall-*maggior parti* ta' l-ispejjeż ta' kuljum tal-minuri, ta' l-edukazzjoni, u tas-saħħa, peress li kif *gia'* dikjarat, l-attur isibha komda li jwaqqaf jew inaqqas il-manteniment għall-minuri, tant li għal ċertu perjodu, l-attur kien qiegħed iħallas manteniment ammontanti għal tletin Euro (€30) fil-ġimgħa biss.

4) Illi l-konvenuta dejjem akkordat l-aċċess għall-minuri lill-attur ħlief f'okkażjoni waħda iżolata fejn l-attur mar biex jiġbor l-imsemmija minuri mir-residenza tal-ġenituri tal-konvenuta, fejn tabita wkoll il-minuri, akkompanjat minn raġel ieħor, li l-identita' tiegħu mhux magħrufa lill-konvenuta, u li naturalment l-istess konvenuta ma kinitx tapprova bl-idea li bintha tiġri waħeda ma' żewġt irġiel, wieħed minnhom tempramentali (l-attur),

u l-ieħor mhux magħruf minnha; u li f'diversi okkażjonijiet l-attur naqas milli jeżerċita l-aċċess imsemmi bl-iskuża li l-konvenuta kienet qegħda toqgħod, fi żmien is-Sajf, f'residenza sekondarja.

5) Illi l-konvenuta tiċħad kategorikament ukoll li b'xi mod qatt kienet ta' xkiel sabiex l-attur jikkomunika mal-minuri, u li għall-kuntrarju dejjem ippruvat taħbi l-komportament vjolenti li l-attur wera fuq il-konvenuta u l-familjari tagħha sabiex bintha ma tarax lil missierha fid-dawl ikrah li qiegħed jitpoġġa fih hu nnifsu.

6) Illi l-konvenuta qegħda tħallas għan-neċessitajiet kollha tal-minuri inkluż dawk l-ispejjeż tal-ħajja ta' kuljum, għall-edukazzjoni, is-saħħa u l-attivitajiet *extra*-kurrikulari inkluża l-attivita' *Stage Coach* u l-lezzjonijiet tal-*ballet*, u li sa reċentement l-attur kien qiegħed jikkontribwixxi l-ammont ta' ħamsa u sittin Euro (€65) fil-ġimgħa, *nonostante* li kif ser jiġi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża, l-attur ġie akkordat is-somma fenominali ta' madwar miljun, disa' mija u tlett elef, ħames mija u disa' Euro u tlieta u erbgħin ċenteżmu (€1,903,509.43) f'Ġunju tas-sena 2003 mill-Gvern Ingliż, liema somma kienet rappreżentanti benefiċċi akkordati minħabba l-feriti li sofra l-attur f'inċident fl-Ingilterra; apparti minn hekk, l-attur jirċievi regolarment ukoll benefiċċji għal diżabbilta' u benefiċċji għal inkapaċita' mid-*Department for Work and Pensions* fl-Ingilterra, kif jidher mill-i*statements* tal-kont bankarju tal-konvenuta peress li fiż-żmien indikat l-attur kien qiegħed jiddepożita dawn l-ammonti fl-imsemmi kont bankarju.

7) Illi l-attur appuntu jiflaħ iħallas manteniment xieraq u regolari għall-minuri bintu, li għandu jkun ferm iżjed sostanzjali minn dak sal-lum kontribwit.

8) Illi l-kwalifika ta' superviżjoni fuq l-aċċess ta' l-attur għall-minuri tneħħiet permezz ta' digriet ta' din l-Onorabbli Qorti fid-19 ta' Novembru, 2007 u li fil-fatt il-konvenuta, għalkemm tinsab inkwetata kull meta l-minuri tkun waħeda ma' l-attur, qegħda tobdi l-imsemmi digriet u

takkorda l-istess aċċess regolarment skond kif degretat preċedentement.

9) Illi l-aċċess ta' l-attur f'jum snin il-minuri ma ġiex eżerċitat peress li ma riedx jattenti l-*birthday party* ta' bintu u għalhekk eżerċita l-aċċess f'ġurnata oħra; il-konvenuta bl-ebda mod qatt kellha l-intenzjoni li ċċaħħad lill-attur milli jara lill-minuri, u li fil-fatt kienet stednitu għall-*birthday party* tagħha permezz tat-telefon meta kien fl-Ingilterra.

10) Illi "l-aċċess" għall-attur ma jfissirx perjodu raġonevoli li matulu huwa jgawdi lil bintu u jsaħħaħ ir-relazzjoni tiegħu magħha. L-aċċess ifisser perjodu li fih l-attur jista' jimla lill-minuri kontra l-konvenuta ommha; jbeżżagħha emozzjonalment fuq l-effetti tal-firda tal-ġenituri tagħha; joskura lin-nanniet materni tagħha; iħajjarha tmur tgħix miegħu l-Ingilterra; jinterroga lill-minuri dwar x'qegħda tagħmel il-konvenuta ommha u ġeneralment jaqsmilha qalbha u jħawwahda. Meta l-attur kellu aċċess għall-minuri kien jagħmilha drawwa li jistaqsi lill-minuri tixtieqx tmur tara film tiegħu (fid-disgħa ta' bil-lejl) jew tixtieqx issiefer miegħu jew tixtieqx tmur *Disneyland* miegħu *etcetera* u meta (ovvjament) il-minuri tgħid li tixtieq huwa jċempel lill-konvenuta quddiem il-minuri u jsemmi r-risposta negattiva tal-konvenuta lil bintha.

11) Illi l-esponent tiċħad kategorikament ukoll li l-ġenituri tagħha qatt intromettew fir-relazzjoni bejn l-attur u l-minuri, u tiċħad kategorikament ukoll li qatt b'xi mod aggredew lill-attur, anzi huwa l-attur, kif *gia'* ingħad, li għandu problemi ta' natura psikoloġika li jimmanifestaw ruħhom fi vjolenza perikoluża, kif fil-fatt ġara f'diversi okkażjonijiet, notevolment fil-21 ta' Frar, 2008 attakka lill-konvenuta (kopja tar-rapport tal-Pulizija anness u mmarkat DOK. 'B'), kif ukoll li fis-16 ta' Marzu, 2008 l-istess attur attakka lill-ġenituri tagħha ġewwa r-residenza tagħhom, fejn tabita wkoll il-minuri C u kkaġuna feriti fuq D, in-nannu tal-minuri, feriti serji fuq E, in-nanna ta' l-istess minuri, kif jidher mill-annessi ċertifikati mediċi relattivi (mmarkati DOK. 'C', DOK. 'D', DOK. 'E', u DOK.

‘F’), kif ukoll mir-ritratti (annessi u mmarkati bħala DOK. ‘G’, DOK. ‘H’, u DOK. ‘I’); fid-dawl tas-suespost l-imsemmija aggressjoni ma kinitx waħda iżolata, u li fil-fatt l-istess attur aggredixxa kemm lill-konvenuta kif ukoll lill-ġenituri tagħha f’diversi okkażjonijiet oħra; għandu jingħad ukoll illi l-attur irid jiddeċiedi jekk ibatix mill-epilesija jew le, u mhux biss jużaha biss bħala skuża meta jaqbillu. Fil-fatt, meta tressaq quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, bħala Qorti ta’ Ġudikatura Kriminali ppresjeduta mill-Onor. Maġistrat Antonio Mizzi LL.D., akkużat b’diversi reati inkluż li ħebb għal D u għal E (in-nanniet materni tal-minuri), l-avukat difensur ta’ l-attur għamlitha ċara li l-attur ibati mill-epilesija, kif jidher mill-gazzetta lokali *The Times of Malta* tad-19 ta’ Marzu, 2008 (kopja ta’ l-artiklu anness u mmarkat DOK. ‘J’), għall-kuntrarju kif wera f’diversi rikorsi u risposti ppreżentati quddiem il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja).

12) Illi l-attur donnu ma kienx interessat biżżejjed f’dak li għandu x’jaqsam mat-trobbija ta’ bintu u kwindi naqas milli jattendi s-seduti kollha tal-medjazzjoni, u li proprju fl-istess żmien l-attur aggredixxa lill-ġenituri ta’ l-istess konvenuta, kif *gia’* ingħad, peress li ma emminhomx meta qalulu li l-minuri C ma kinitx id-dar meta mar jiġborha minn ġewwa r-residenza tagħhom.

Bl-ispejjeż.

Rat il-lista tax-xhieda.

Rat il-kontro-talba tal-konvenuta, ippreżentata fid-9 ta’ Mejju, 2008, li permezz tagħha talbet bir-rispett u bil-ġurament ikkonfermat:

1) Illi l-konvenuta qegħda tipprevalixxi ruħha mill-proċeduri istitwiti mill-attur sabiex hija tippreżenta din il-kontro-talba.

2) Illi għar-raġunijiet illi ampjament jirriżultaw mis-sottomissjonijiet magħmula u sejrin jirriżultaw ukoll mill-provi li sejrin jinġabru f’din il-kawża, il-konvenuta titlob li l-aċċess ta’ l-attur għall-minuri C jiġi eżerċitat taħt

superviżjoni stretta minn dawk il-persuni li jiġu maħtura appożitament minn din l-istess Onorabbli Qorti.

3) Illi l-attur ma huwiex mentalment stabbli, u li l-istess attur ibati minn kondizzjoni li tinkapaċitah u trendih inaffidabbli bil-kura tal-minuri, kif ukoll li għandu propensita' irraxxibbli għall-vjolenza.

4) Illi diversi drabi l-attur aggredixxa l-familjari tal-minuri, ommha (l-konvenuta), u n-nanniet ta' l-istess minuri, u li tali aggressjonijiet dejjem ikkaġunawhom in kwantu għall-aċċess għall-istess minuri C; apparti minn hekk, l-attur ibati minn attakki serjissimi ta' epilesija u b'riżultat ta' tali attakki diversi drabi l-attur jintilef minn sensih.

5) Illi l-imsemmijin attakki kienu jkunu ferm regolari fil-bidu tar-relazzjoni tal-kontendenti iżda għalkemm naqsu, l-istess attur għadu jbati minnhom. L-attakki serji huma serjissimi u jiġu fi *clusters* ta' erba' *episodes* f'sagħtejn. Ferm aktar spissi huma l-attakki żgħar illi l-effett tagħhom ikun illi l-attur jitlef kuntatt maċ-ċirkostanzi ta' madwaru sakemm jirkupra u jistaqsi x'ġara.

6) Illi biex jikkura lillu nnifsu l-attur qiegħed jieħu mediċini qawwija ħafna fosthom '*Keppra*', '*Limotrogen*' u '*Oxycarsopan*', u li l-effetti psikoloġiċi ta' dawn il-mediċinali jinkludu *mood swings, character change, paranoia, aggressive / anti-social behaviour* u *impulsive behaviour*.

7) Illi huwiex b'effett tal-mediċini li qiegħed jieħu jew għaliex għandu problemi psikoloġiċi oħra, il-komportament ta' l-attur fil-konfront tal-konvenuta huwa tali li hija ma tistax tafda lill-minuri miegħu.

8) Illi l-komportament ta' l-attur wassal għal diversi inċidenti tul dawn l-aħħar xhur inkluż li:-

a) Waqt żjara tiegħu f'Malta l-attur daħal klandestinament mit-tieqa ta' l-appartament tal-

kontendenti u mbagħad fiżikament keċċa lill-konvenuta mill-appartament tagħhom billi heddidha u mbuttaha.

b) L-attur iddistruġġa l-ħwejjeġ tal-konvenuta u rritornahom biss bl-intervent tal-Pulizija.

c) L-attur ħa ċ-ċwievet tal-karozza tal-konvenuta u rritornahom biss bl-intervent tal-Pulizija.

d) L-attur kien iċempel id-dar tal-ġenituri tal-konvenuta madwar għoxrin (20) jew tletin (30) darba kuljum, għalkemm avżat biex ma jċempilx.

e) L-attur aggredixxa lill-konvenuta, il-ġenituri tagħha diversi drabi, u b'mod partikolari lil omm il-konvenuta weġġagħha serjament.

f) L-attur skopra li l-konvenuta qegħda taħdem u (apparentement biex iżommha milli tmur għax-xogħol) huwa poġġa mal-bieb tal-garaxx (illi jinfetaħ 'il fuq elettronikament) u żammha milli toħroġ bil-karozza.

g) Diversi drabi f'dawn l-aħħar xhur il-konvenuta sabiet żewġ *tyres* tal-karozza tagħha mniżżlin. Meta ssewwi dawn il-*flat tyres* il-konvenuta tiġi nformata li m'għandhiex *puncture* iżda xi ħadd kien ħareġ l-arja minnhom (din hija l-karozza li l-konvenuta tuża biex toħroġ mat-tifla).

h) Fis-16 ta' Marzu, 2008 l-attur attakka lill-ġenituri tal-konvenuta ġewwa r-residenza tagħhom fejn tabita wkoll il-minuri C flimkien mal-konvenuta, u kkaġuna feriti fuq il-persuna ta' D [*I.D.* ______], kif ukoll ferit serji fuq dik ta' E [*I.D.* ______], fosthom *epistaxis, haemotama* tal-wiċċ, kif ukoll *orbital haemotama*.

9) Illi l-attur huwa bniedem perikoluż u vjolenti u qiegħed jagħmel minn kollox biex ifixkel lill-konvenuta u lill-ġenituri tagħha milli jgħixu ħajja normali u mingħajr inkwiet.

10) Illi s-sigurta' personali tal-minuri, tal-konvenuta, kif ukoll dik tal-ġenituri tagħha, qegħda tassew mhedda minn periklu mminenti, u tenut kont illi l-minuri C toqgħod fl-istess fond magħhom, ikun sogru għal konsegwenzi simili ta' dawk reċenti jekk l-attur jibqa' jiġbor lill-minuri u jirritornaha fejn tirrisjedi l-konvenuta.

11) Illi fiċ-ċirkostanzi huwa ċar illi tifla ta' ħames snin ma tistax tiġi fdata fil-kura ta' raġel tempramentali u vjolenti u li *di piu'* jbati minn kondizzjoni li tista' tkun perikoluża għat-tifla.

Għaldaqstant, il-konvenuta titlob reverentement illi dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha tistabbilixxi ġranet u ħinijiet ta' l-aċċess ta' l-attur għall-minuri C, liema aċċess isir taħt superviżjoni stretta minn dawk il-persuni li jiġu maħtura appożitament minn din l-istess Onorabbli Qorti.

Bl-ispejjeż.

Rat ir-rikors ta' l-attur ta' l-14 ta' Mejju, 2008 u d-digriet tal-Qorti tat-2 ta' Ġunju, 2008 li permezz tiegħu ġie regolat l-aċċess ta' l-attur.

Rat l-affidavits.

Semgħet il-partijiet.

Rat il-verbal tas-seduta ta' l-14 ta' Ottubru, 2008 li permezz tiegħu l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Ikkunsidrat;

Illi kif jidher mill-atti l-partijiet qed jikkumbattu għall-kura u kustodja tal-minuri u għar-regolamentazzjoni ta' l-aċċess. L-attur qed jitlob ukoll li jingħata l-fakolta' li jkun jista' jsiefer bit-tifla.

Il-fatti żviluppaw b'mod sfortunat għall-aħħar għaliex il-partijiet kellhom relazzjoni li minnha twieldet it-tifla u sussegwentement inqala' d-disgwid u nfirdu, bl-attur jgħix bejn l-Ingilterra u Spanja u l-konvenuta rritornat Malta fejn

kienet qed tgħix mal-ġenituri tagħha. Fil-mori tal-proċeduri marret toqgħod x'imkien ieħor iżda viċin il-ġenituri. L-attur, li sfortunatament kellu inċident gravi meta kien iżgħar, ingħata kumpens sostanzjali u ma jaħdimx u jirċievi l-benefiċċji soċjali mill-Gvern ta' pajjiżu, u *cioe'* l-Ingilterra. Jiġi Malta spiss, u skond hu jiġi kull xahar u jdum bejn ġimgħa u ħmistax-il ġurnata. Hemm disgwid kbir bejn il-partijiet u ġieli nqalgħu xi argumenti li nvolvew fihom il-ġenituri tal-konvenuta waqt l-aċċess jew meta l-attur ippretenda li jkollu aċċess. F'dan l-isfond ingħataw diversi digrieti b'dak finali tat-2 ta' Ġunju, 2008 jakkorda aċċess nhar ta' Ħamis bejn l-4.30 p.m. u t-8.00 p.m. u nhar ta' Sibt bejn l-10.00 a.m. u t-8.00 p.m.

Fir-rigward tal-kustodja u kura l-Qorti tħoss li hemm wisq disgwid bejn il-partijiet biex tingħata b'mod konġunt. Dwar dan il-Qorti ta' l-Appell ikkummentat diversi drabi fis-sens li mhux għaqli li meta jkun hemm daqshekk disgwid tingħata *joint custody.* Wieħed jista' jara dan fl-iktar sentenza reċenti fil-kawża fl-ismijet Miriam Cauchi vs Francis Cauchi deċiża fit-3 ta' Ottubru, 2008. Għalhekk ma hemmx lok illi jkun hemm tibdil fis-sens li din tibqa' assenjata lill-intimata illi palesament hija l-iktar idoneja għal dan l-iskop. Wieħed għandu jgħid illi l-attur qed jagħmel kulma jista' biex ikun preżenti fil-ħajja ta' bintu, iżda l-fatt li jgħix barra aktar jikkonvinċi l-Qorti li dan ikun l-aħjar mod kif it-tifla titrabba.

Il-kwistjoni ta' l-aċċess hija iktar komplikata mill-fatt li l-attur jiġi Malta ċirka darba fix-xahar, u għalhekk iħoss li f'dak il-perjodu li jkun hawn għandu jkollu aċċess akbar biex igawdi lil bintu. Dwar dan il-Qorti taqbel iżda fl-istess ħin kif sewwa rrimarkat il-konvenuta għall-istabbilta' ta' ħajjet it-tifla lanqas hu sew li meta jiddeċiedi li jagħmel dan l-attur jiġi Malta bla mistenni u jistenna li jibdel it-*timetable* ta' bintu b'mod radikali. Fl-istess ħin il-Qorti ma ssib ebda ostakolu għat-talba ta' l-attur biex iżomm it-tifla lejl biex b'dan il-mod jiżdiedulu s-sigħat li jgħaddi magħha. Fir-rigward ta' safar il-Qorti għall-istess ragunijiet li *gia'* semmiet m'hijiex ser tilqa' t-talba attriċi iżda tordna li biex it-tifla ssiefer irid ikun hemm il-kunsens taż-żewġ partjiet.

Kwantu għall-kontro-talba l-Qorti ma tħossx li hemm lok għal superviżjoni.

**Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċiedi l-kawża billi tilqa' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuta ħlief kif provdut u għalhekk:**

**1. tiċħad l-ewwel talba u tikkonferma li l-kura u kustodja tal-minuri tibqa' f' idejn il-konvenuta;**

**2. tordna li l-attur ikollu aċċess nhar ta' Tlieta u Ħamis bejn l-4.30 p.m. u t-8.00 p.m. u bejn nhar ta' Ġimgħa fis-6.00 p.m. sas-Sibt fit-8.00 p.m. F'dan l-aħħar każ dejjem jekk ikun akkumpanjat minn xi ħadd mill-ġenituri tiegħu matul il-lejl; meta ma jkunx hekk akkumpanjat l-aċċess ikun nhar ta' Sibt bejn l-10.00 a.m. u t-8.30 p.m.;**

**3. tordna li meta ma jkollux aċċess l-attur ikollu dritt jikkomunika bit-telefon darba kuljum għal mill-inqas għaxar minuti;**

**4. tiċħad ir-raba' talba;**

**5. tiċħad il-ħames talba;**

**6. tordna li fil-vaganzi tas-Sajf l-aċċess ikun estiż billi nhar ta' Tlieta u Ħamis ikun bejn l-10.00 a.m. u t-8.00 p.m.; fil-Milied u l-ewwel tas-Sena bejn l-4.00 p.m. u t-8.00 p.m. anke jekk jinzerta xi ġurnata li t-tifla ikun imissha tkun ma' l-attur;**

**7. tiċħad is-seba' talba u tordna li biex il-minuri ssiefer irid ikun hemm il-kunsens taż-żewġ partjiet.**

**Fir-rigward tal-kontro-talba tilqagħha u tordna li l-aċċess ikun eserċitat kif indikat iktar qabel, u tiċħad li l-aċċess isir taħt superviżjoni.**

**L-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri jkunu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------